32005D0094

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Frar 2005

li temenda d-Deċiżjoni 2001/264/EC, ECSC, Euratom (2005/94/KE, EURATOM)

(2005/94/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 131 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218 (1) u l-Artikolu 41(1) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sistema ta' sigurtà tal-Kummissjoni hi bbażata fuq il-prinċipji stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li jadottaw regolamenti għas-sigurtà tal-Kunsill[1] bil-għan li tiġi żgurata ħidma bla skossi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni tal-Unjoni.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-Regoli interni ta' Proċedura[2].

(3) L-Appendiċi 1 tar-Regoli dwar is-Sigurtà mehmuż ma' dawn id-dispożizzjonijiet fihom tabella ta' ekwivalenza li tinkludi l-klassifikazzjoni tas-sigurtà nazzjonali.

(4) Fis-16 ta' April 2003 ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja ffirmaw it-Trattat dwar l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea[3]. L-Appendiċi 1 għar-Regoli dwar is-Sigurtà għandhom jiġu emendati biex jiġu kkunsidrati dawk l-Istati.

---

[1] ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1. Id-Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 2004/194/KE (ĠU L 63 , 28.2.2004, p. 48).
[2] ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.
[3] ĠU L 236, 23.9.2003, p. 17.

(5) Fl-14 ta' Marzu 2003 l-Unjoni Ewropea ffirmat ftehim[4] man-NATO dwar is-sigurtà tal-informazzjoni. Għalhekk hu meħtieġ li tkun stabbilita korrispondenza mal-livelli ta' klassifikazzjoni tan-NATO fl-Appendiċi 1 tar-Regoli dwar is-Sigurtà.

(6) Il-Franċiżi u l-Olandiżi bidlu l-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-klassifikazzjoni.

(7) Biex l-affarijiet ikunu ċari, l-Appendiċi 1 għar-Regoli dwar is-Sigurtà għandhom jiġu ssostitwiti.

(8) Fl-istess ħin, l-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom għandu jġi kkoreġut sabiex jiġi żgurat li l-erba' termini ta' klassifikazzjoni jintużaw b'mod omoġenju fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha.

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Appendiċi 1 għar-Regoli dwar is-Sigurtà li jinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom għandu jinbidel mit-test kif stabbilit fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness mad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom hu kkoreġut billi jiġu issostitwiti fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha l-erba' termini ta' klassifikazzjoni, kif ikun xieraq, bit-termini segwenti li għandhom dejjem jinkitbu b'ittri kbar:

– "RESTREINT UE",

– "CONFIDENTIEL UE",

– "SECRET UE",

– "TRES SECRET UE/EU TOP SECRET

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Frar 2005

Għall-Kummissjoni
Il-Viċi President
Siim KALLAS

[4] ĠU L 80, 27.3.2003, p. 36.

ANNESS

"Appendiċi 1

PARAGUN TAL-KLASSSIFIKAZZJONI TAS-SIGURTÀ NAZZJONALI

Klassifikazzjoni tal-UE	TRES SECRET UE / EU TOP SECRET	SECRET UE	CONFIDENTIEL UE	RESTREINT UE
Klassifikazzjoni tal-WUE	L-OGĦLA SEGRETEZZA FOKALI	WUE SIGRIET	WUE KUNFIDENZJALI	WUE RISTRETT
Klassifikazzjoni tal-Euratom	EURA L-OGĦLA SEGRETEZZA	EURA SIGRIET	EURA KUNFIDENZJALI	EURA RISTRETT
Klassifikazzjoni tan-NATO	COSMIC L-OGĦLA SEGRETEZZA	NATO SIGRIET	NATO KUNFIDENZJALI	NATO RISTRETT
L-Awstrija	Streng Geheim	Geheim	Vertraulich	Eingeschränkt
Il-Belġju	Très Secret Zeer Geheim	Secret Geheim	Confidentiel Vertrouwelijk	Diffusion restreinte Beperkte Verspreiding
Ċipru	Άκρως Απόρρητο	Απόρρητο	Εμπιστευτικό	Περιορισμένης Χρήσης
Ir-Repubblika Ċeka	Přísně tajné	Tajné	Důvěrné	Vyhrazené
Id-Danimarka	Yderst hemmeligt	Hemmeligt	Fortroligt	Til tjenestebrug

Klassifikazzjoni tal-UE	TRES SECRET UE / EU TOP SECRET	SECRET UE	CONFIDENTIEL UE	RESTREINT UE
Klassifikazzjoni tal-WUE	L-OGĦLA SEGRETEZZA FOKALI	WUE SIGRIET	WUE KUNFIDENZJALI	WUE RISTRETT
Klassifikazzjoni tal-Euratom	EURA L-OGĦLA SEGRETEZZA	EURA SIGRIET	EURA KUNFIDENZJALI	EURA RISTRETT
Klassifikazzjoni tan-NATO	COSMIC L-OGĦLA SEGRETEZZA	NATO SIGRIET	NATO KUNFIDENZJALI	NATO RISTRETT
L-Awstrija	Streng Geheim	Geheim	Vertraulich	Eingeschränkt
L-Estonja	Täiesti salajane	Salajane	Konfidentsiaalne	Piiratud

Il-Ġermanja	Streng geheim	Geheim	VS[5]– Vertraulich	VS – Nur für den Dienstgebrauch
Il-Greċja	Άκρως Απόρρητο Abr: ΑΑΠ	Απόρρητο Abr: (ΑΠ)	Εμπιστευτικό Abr: (ΕΜ)	Περιορισμένης Χρήσης Abr: (ΠΧ)
Il-Finlandja	Erittäin salainen	Erittäin salainen	Salainen	Luottamuksellinen
Franza	Très Secret Défense [6]	Secret Défense	Confidentiel Défense	
L-Irlanda	Top Secret	Secret	Confidential	Restricted
L-Italja	Segretissimo	Segreto	Riservatissimo	Riservato
Il-Latvja	Sevišķi slepeni	Slepeni	Konfidenciāli	Dienesta vajadzībām
Il-Litwanja	Visiškai slaptai	Slaptai	Konfidencialiai	Riboto naudojimo
Il-Lussemburgu	Très Secret	Secret	Confidentiel	Diffusion restreinte
L-Ungerija	Szigorúan titkos !	Titkos !	Bizalmas !	Korlátozott terjesztésű !

[5] VS = Verschlusssache
[6] Il-klassifikazzjoni Très Secret Défense, li tkopri l-kwistjonijiet ta' prijorità governattiva, tista' tinbidel biss bl-awtorizzazzjoni tal-Prim Ministru

Malta	L-Ghola Segretezza	Sigriet	Kunfidenzjali	Ristrett
L-Olanda	Stg[7]. Zeer Geheim	Stg. Geheim	Stg. Confidentieel	Departementaalvertrouwelijk
Il-Polonja	Ściśle Tajne	Tajne	Poufne	Zastrzeżone
Il-Portugall	Muito Secreto	Secreto	Confidencial	Reservado
Is-Slovenja	Strogo tajno	Tajno	Zaupno	SVN Interno
Is-Slovakkja	Prísne tajné	Tajné	Dôverné	Vyhradené
Spanja	Secreto	Reservado	Confidencial	Difusión Limitada
L-Iżvezja	Kvalificerat hemlig	Hemlig	Hemlig	Hemlig
Ir-Renju Unit	Top Secret	Secret	Confidential	Restricted

[7] Stg = staatsgeheim